# Grazzi Mons...

### *Marija Xerri*



Monsinjur Ġużeppi Zerafa it-tieni Arċipriet u l-għaxar Kappillan t'Għajnsielem, iben Pawlu Zerafa u Mananni Grima twieled nhar l-20 ta' Frar tal-1938. Hu ħa l-edukazzjoni primarja tiegħu fl-iskola Primarja t'Għajnsielem u sa minn età żgħira ta kontribut lill-Parroċċa partikolarment bħala abbati. Imbagħad huwa ssokta bl-istudji tiegħu fil-kulleġġ ta' Sant' Antnin sakemm fl-1955 daħal is-Seminarju t'Għawdex u wara tliet snin beda l-kors fil-Filosofija u aktar tard fit-Teoloġija li wasslu għall-25 t'April 1965 – jum l-ordinazzjoni tiegħu. Ġie ordnat Saċerdot mill-Isqof t'Għawdex Mons. Ġużeppi Pace. Dun Ġużepp Zerafa ċċelebra l-Prima Messa tiegħu nhar is-27 ta' Mejju tal-istess sena Din iċ-ċelebrazzjoni saret fil-Knisja l-Qadima, li dakinhar kienet il-Knisja Parrokjali.



L-ewwel assenjament tiegħu kien fil-Parroċċa t'Għajnsielem fejn serva bħala viċi-parroku tal-Arċipriet Espedito Tabone wara li Dun Anġ Buttigieg temm il-ħidma pastorali tiegħu f'Għajnsielem. Huwa serva f'din il-kariga sal-1981. Fil-11 ta' Marzu tal-1981, l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi nnominah bħala t-tieni Arċipriet tal-Parroċċa t'Għajnsielem u l-ewwel Kappillan Għajnselmiż. Iċ-ċeremonja tal-pussess saret nhar il-5 t'April tal-istess sena minn Mons. Ġużeppi Curmi li kien delegat tal-Isqof. Din saret fil-Knisja l-Ġdida li x-xogħol ta' kostruzzjoni fuqha kien għadu għaddej.

Hawnhekk l-Arċipriet Zerafa kellu quddiemu 25 sena ta' servizz kontintwu lir-raħal u lill-Parroċċa t'Għajnsielem. Dan kien jinkludi l-ewwel il-kura tal-parruċċani li kien wieħed mill-obligi fundamentali tiegħu bħala qassis u aktar minn hekk bħala Arċipriet u mbagħad it-tkomplija u eventwalment it-tlestija tal-Knisja l-Ġdida. Filfatt fl-ewwel diskors tiegħu bħala Arċipriet, fost affarijiet oħra, huwa ta importanza lix-xogħol tal-invjar, li hu sejjaħlu biċċa xogħol kbira li kien lest jitħabat u jlesti sabiex fl-aħħar il-knisja jkollha d-dinjità tagħha. Ix-xogħol fuq l-invjar effettivament beda b'quddiesa nhar it-Tnejn 18 ta' Jannar 1982. Għalkemm fl-ewwel snin t' Arċipretura, l-Knisja l-Ġdida kienet tieħu l-akbar prijorità, l-Arċipriet Zerafa beda anki jirrestawra il-Knisja l-Qadima u bl-għajnuna ta' oħtu Marija, mill-qliegħ li kien sar mit-tombla tal-Parroċċa wassal biex saru numru ta' proġetti fil-Knisja l-Qadima.



Is-sena 1989 kienet waħda importanti ferm għal Għajnsielem għal diversi raġunijiet. Nhar it-30 ta' Ġunju tal-1989, il-Knisja l-Qadima għalqet 100 sena ikkonsagrata u saru ċelebrazzjonijiet biex ifakkru dan l-avveniment. U daqs xaharejn wara, propjament fit-13 t'Awwissu tal-istess sena, Għajnsielem assista għall-konsagrazzjoni tal-Knisja l-Ġdida minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi. Ċelebrazzjonijiet li l-Għajnselmiżi preżenti żgur ma jinsewhom qatt għaliex kien bil-bżulija tal-poplu u l-entużjażmu tal-Arċipriet flimkien ma' dak tal-poplu li dan kollu seta' jsir.

Fil-bidu tal-1989 bdiet titwettaq opra oħra Ġdida ġewwa l-Knisja l-Ġdida, din kienet il-paviment tal-irħam. Xi xogħlijiet oħra li twettqu matul il-parrokat tal-Arċipriet Zerafa jinkludu l-proġett tal-brazzi għal fuq l-artal maġġur kif ukoll dak tal-linef, il-via sagra, l-ambone, l-artali laterali, l-erba' konfessjonarji fuq stil Gotiku għall-Knisja l-Ġdida kif ukoll in-niċċa għall-Istatwa tal-Madonna ta' Loreto. Aktar tard imbagħad sar ukoll ix-xogħol tal-induratura fuq l-istatwa titulari. Mons Zerafa kien anke responsabbli għall-estensjoni taċ-ċimiterju t'Għajnsielem. Matul il-parrokat tiegħu nbena wkoll iċ-Ċentru Parrokjali u żewġ imħażen għall-Għaqda tal-Armar t'Għajnsielem.



Fl-1989, Mons. Zerafa temm il-ktieb tiegħu 'Ġrajjet il-Parroċċa t'Għajnsielem' b'dawn il-kelmtejn: "Għalkemm għad baqa' ħafna xogħol u opri oħra x'isiru, hemm tama qawwija li kollox isir f'waqtu. Il-ġenerożità tan-nies ta' Għajnsielem illum saret leġġendarja; dejjem urew kemm iħobbu lir-raħal tagħhom u lill-patruna tagħhom. Meta din titfaċċa f'tarf iz-zuntier fl-aħħar Ħadd t'Awwissu, il-Madonna u l-poplu jsiru ħaġa waħda u kull sagrifiċċju li jkunu għamlu 'ad unur' tagħha jsib is-sodisfazzjon tiegħu." Hawnhekk Mons. Zerafa wera li d-determinazzjoni tiegħu li jsebbaħ u jirranġa l-knisja kienet qed tiġi ssapportjata mill-poplu kollu li kien qiegħed jifhem il-bżonnijiet tal-Parroċċa inġenerali u li dejjem għaraf jikkontribwixxi għall-proġetti li jkunu għaddejjin.

L-Arċipriet Zerafa kellu mħabba speċjali lejn raħal twelidu u lejn Ommna Marija Lauretana. L-aħħar ġimgħa t'Awwissu kienet tkun il-ġimgħa li għaliha kien jiddedika ħafna ħin, enerġija u ideat. Il-festi interni kif ukoll dawk esterni kien jara li qatt ma jonqsu fil-livell tagħhom iżda sa fejn hu possibli jisbieħu u jimmeljoraw ruħhom sabiex il-poplu Għajnselmiż verament ikun jista' jiċċelebra l-imħabba u d-devozzjoni tiegħu lejn il-Madonna fl-aħħar ġimgħa t'Awwissu. Fi żmien l-Arċipretura tiegħu twaqqfet l-Għaqda tal-Armar li mhux biss ħadmet bla heda f'dak li hu armar tal-festa, iżda fuq kollox tat spinta lill-festa b'mod inġenerali.

Mons. Zerafa, iben dehen t'Għajnsielem kien jemmen f'dak kollu li huwa Għajnselmiż. Flimkien m'oħtu Ġolina Zerafa waqqaf il-Kor Lauretana u kienet tkun l-għaxqa tiegħu jħeġġeġ aktar adoloxxenti u żgħażagħ biex jingħaqdu mal-kor matul is-snin. L-hena tiegħu mbagħad meta tkun toqrob il-festa, kienet li jgħallimhom l-quddiesa tal-pontifikal. Filfatt fuq l-inizjattiva tiegħu, Mro. Franco Diacono kien għamel l-partituri għall-kor u b'hekk daħħal il-parteċipazzjoni Għajnselmiża fl-orkestra tal-Cappella Diacono. Apparti l-involviment tiegħu fil-Kor Lauretana, Mons. Zerafa, għal diversi snin kien jappartjeni u jmexxi l-Leġjun ta' Maria u l-Azzjoni Kattolika.

Fid-diskors tiegħu dakinhar tal-pussess bħala Arċipriet, Mons. Zerafa kien għamel sejħa sinċiera u mill-qalb sabiex iż-żgħażagħ Għajnselmiżi jersqu lejħ u lejn l-Parroċċa u flimkien jaħdmu għall-ġid kommunitarju. Dan l-appell intlaqa' miż-żgħażagħ Għajnselmiżi u bl-inizjattiva tal-Arċirpriet, twaqqfet l-Għaqda Drammatika Għajnsielem bl-iskop li jiġi organizzat id-dramm tal-passjoni u janimaw il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira u ta' Ħadd il-Palm flimkien mal-funzjoni ta' Ħamis ix-Xirka. Hawn ħareġ l-imħabba li kellu għall-palk. Din ma kinitx tieqaf fuq il-palk. L-umoriżmu kien iġorru miegħu fil-ħajja ta' kuljum, anke meta l-Parroċċa kienet għaddejja minn mumenti diffiċli għaraf iwieżen kollox bl-umoriżmu.

Ma kienx biss jissapprotja l-proġetti iżda kwalunkwe inizzjattivi li jittieħdu minn kwalunkwe organizzazzjoni Għajnselmiża sew jekk kien il-Christmas Village lura fil-bidu tal-millenju, Bethlehem f'Għajnsielem, drammi, wirjiet, festivals ta' talent u attivitajiet minn naħa tal-għaqdiet tal-banda, football u armar arah minn ta' quddiem biex joffrilhom għajnuna u sapport.

L-involviment u l-interess ta' Mons. Zerafa fil-football u l-banda t'Għajnsielem qatt ma naqsu. Bħala dilettant kbir tal-football huwa kien issieħeb mat-timijiet tal-minors qabel ma daħal is-seminarju u baqa' jsegwi t-tijm tal-Blacks sal-aħħar. Fis-snin disgħin l-Arċipriet assista lill-kumitat tal-football fil-bini tal-każin il-ġdid. Hu għen fil-ħidma li sarret fis-snin sittin sabiex mix-xejn terġa' tirxoxta l-banda fl-istitut ta' San Ġuzepp li eventwalent saret il-Banda t'Għajnsielem. Għal snin twal huwa kien direttur spiritwali taż-żewġ għaqdiet u anki President Onorarju tal-Banda San Ġużepp.



Ta' kull sena Mons. Zerafa flimkien ma' xi grupp t'Għajnselmiżi kien iħobb iqatta' xi ftit jiem ta' vaganzi 'l barra minn xtutna. Ħafna drabi kien iħobb jinkludi



l-belt ta' Loreto fil-ġita li jkun qed jipprepara, dan minħabba r-rabta t'Għajnsielem mal-belt ta' Loreto. L-ewwel darba li mar Loreto kien fl-1966. Il-vjaġġ kien kemmxejn differenti u itwal minn dak ta' llum peress li kien jinvolvi trasport bil-baħar għal Sqallija imbagħad għal Napli u wara għal Loreto permezz ta' ferrovija. F'Loreto huwa stabbilixxa xi kuntatti mal-awtoritajiet ekkleżjastiċi u Għajnsielem beda anke jiġi rikkonoxut f'Loreto.

U jekk qed insemmu l-ħin liberu ta' Mons. Zerafa, awtomatikament niftakru fil-passatempi li huwa kellu. Bażikament dawn kienu l-insib, il-palk, il-kitba, ix-xogħol fl-injam u l-football. Il-familjari tiegħu jirrakontaw li meta kien għarraf lil ommu Mananni li kellu l-ħajra li jidħol s-seminarju, Mons. Zerafa, immedjatament talabha biex xorta tibqa' tħallih imur jonsob. Dan ir-rakkont jiddeskrivi l-karattru tiegħu, li anki f'mument serju u ta' importanza bħal dan f'ħajtu, hu għaraf jinkludi fih l-umoriżmu. Il-karattru ċajtier u kemmxejn nebbiexi ta' Mons. Zerafa kien jagħmlu kandidat tajjeb għal attur. Matul is-snin li għamel is-seminarju, ħafna huma dawk il-qassisin u superjuri tiegħu li kienu jirrakkontaw kif kien wieħed minn dawk li l-aktar li kien jinqala' fuq il-palk u li kien kapaċi jdaħħak lil dawk li jkunu qed jaraw xi dramm li fih kien jieħu sehem hu.

Għalkemm ftit huma l-kitbiet li ppubblika, Mons. Zerafa kien iqatta' ħafna ħin jikteb kemm poeżiji kif ukoll ġieli kiteb anke drammi għall-palk. Forsi moħħna mal-ewwel jaqa' fuq il-ktejjeb 'Ġrajjet il-Parroċċa t'Għajnsielem' li bl-għajnuna tal-mibki Joe Scicluna, huwa kiteb dwar l-istorja t'Għajnsielem sal-1989. Permezz ta' dan il-ktieb hu għamel aċċessibli għal kullħadd l-istorja u l-mumenti storiċi li ġraw fir-raħal tagħna sa mit-twaqqif tiegħu. Żgur li tkun idea sabiħa kieku titkompla tinġabar l-istorja tar-raħal tagħna mill-1989 sal-ġurnata ta' llum u tiġi ppublikata t-tieni edizzjoni ta' dan il-ktieb.

Delizzju ieħor ta' Mons. Zerafa kien ix-xogħol fl-injam. Xogħol li kien jinvolvi ħafna paċenzja u dedikazzjoni. Huwa ħadem replika tal-Knisja Arċipretali, tal-Knisja l-Qadima u tal-Knisja ta' Lourdes flimkien ma' mudell tal-Għajn tal-Ħasselin. L-aħħar xogħol li ħadem kienu xi bradelli għal xi vari żgħar f'kollezzjonijiet privati.

U xi ngħidu għall-football? Kien l-għaxqa tiegħu! Erħilu jitlaq jgħaġġel lejn id-dar sabiex jara xi logħba akkanita tal-Manchester United. Kemm-il darba kien anke mar u rahom jilagħbu f'Old Trafford ġewwa l-Ingilterra. Kien sapporter akkanit u leali għal dan it-team.

Fl-2001, Għajnsielem għaraf u irrikonoxxa x-xogħol, id-dedikazzjoni, l-impenn u l-entużjażmu li kellu





Mons. Zerafa lejn ir-raħal t'Għajnsielem billi onorah bil-premju 'Ġieħ Għajnsielem'. Dan kien turija t'apprezzament min-naħa tas-soċjetà Għajnselmiża. Iżda anke l-Knisja wriet r-rikonoxximent tal-ħidma li wettaq matul il-25 sena ta' servizz fil-Parroċċa t'Għajnsielem. Mat-tmiem tal-ħidma tiegħu bħala Arċipriet, l-Q.T. il-Papa Benedittu XVI laqgħa t-talba magħmulha minn Mons. Isqof Mario Grech u ħatar lill-Kanonku Ġużeppi Żerafa bħala kappillan tiegħu bit-titlu ta' Monsinjur – kif bqajna nafuh u nsejħulu għal dawn l-aħħar ħames snin – "Mons."

Bħala Arċipriet Emeritu Monsinjur Ġużeppi Zerafa baqa' dejjem iservi lill-Parroċċa t'Għajnsielem bl-istess dedikazzjoni u mħabba li dejjem kellu għal raħal twelidu. Sa minn dejjem kien iqaddes il-quddiesa tal-ewwel, li baqa' jqaddisha sakemm saħtu ppermettietlu. Memorji li żgur għadhom friski f'moħħna huma l-programmi li kien itella' darbtejn fil-ġimgħa fuq Radju Lauretana – 'Għajnsielem Kif Niftakru Jien'. Programmi li jixhdu l-imħabba li l-Mons kellu lejn Għajnsielem u l-istorja tar-raħal tagħna. Hu kien saċerdot li apparti matul is-snin tas-seminarju dejjem għex ġewwa Għajnsielem għalhekk l-imħabba li kellu lejn raħal twelidu ma setgħetx tonqos żgur.

Fis-sajf tal-2010, Monsinjur Zerafa tgħabba bis-salib tal-mard. Minkejja dan, huwa xorta għamel dak kollu possibbli sabiex jibqa' attiv fil-Parroċċa, saħansitra għall-ferħ tal-Għajnselmiżi, huwa mexxa l-Għasar Solenni ta' qabel il-purċissjoni u mbagħad wara akkumpanja l-ewwel parti tal-purċissjoni tal-festa 2010. Din kellha tkun l-aħħar festa fil-pellegrinaġġ twil u kkulurit li kellu fuq din l-art. Imbagħad huwa kien imdawwar bil-familjari tiegħu li wrewh imħabba speċjali matul l-aħħar xhur. Mons. Ġużeppi Zerafa mar jiltaqa' mal-Ħallieq nhar l-Erbgħa 12 ta' Jannar 2011. L-aħħar kelmiet li propju nissel l-Mons. Zerafa kienu tislijiet għall-Poplu t'Għajnsielem li dejjem kien tant għal qalbu. L-aħbar ġabet niket kbir fir-raħal u kulħadd irrifletta dwar il-mumenti sbieħ li kellu ma' din il-persuna tant speċjali. Ġenerazzjonijiet sħaħ t'Għajnselmiżi irċevew is-sagramenti minn idejn Mons. Zerafa u kulħadd ħass li moralment kien obbligat ħafna lejh. Ma seta' jonqos qatt li l-poplu t'Għajnsielem, immexxi mill-Parroċċa u l-għaqdiet ewlenin, ingħaqdu sabiex flimkien jagħtu tislima xierqa – xejn anqas mill-akbar funeral li qatt ra r-raħal t'Għajnsielem.

Nhar it-18 ta' Jannar, Monsinjur Ġużeppi Zerafa twassal f'raħal twelidu, propju fir-residenza tal-familja tiegħu fejn kien espost għall-pubbliku. Imbagħad għall-ħabta ta' nofsinhar, l-espożizzjoni tkompliet fil-Knisja l-Qadima, fejn imbagħad fis-sagħtejn u nofs ta' waranofsinhar sar talb għal ruħu mmexxi minn Fr. Joe Cardona, is-saċerdot li fl-aħħar snin ta' Mons. Ġużeppi Zerafa nistgħu ngħidu li kien l-id il-leminija tiegħu. Fil-ħin tat-tlieta ta' wara nofsinhar, beda l-korteo funebri għall-Knisja l-Ġdida mmexxi mill-Arċipriet Dun Frankie Bajada. F'dan il-korteo ħadet sehem il-Banda San Ġużepp permezz ta' marċi funebri, Radju Lauretana permezz ta' xandira diretta, il-fratellanzi, u l-għaqdiet ewlenin tar-raħal. Dan wassal għall-quddiesa li kienet ikkonċelebrata mill-Isqof t'Għawdex Mario Grech bis-sehem ta' numru kbir ta' saċerdoti. L-attendenza numeruża tan-nies xehdet l-imħabba u r-rispett li l-qraba, ħbieb, l-għaqdiet u l-kumplament tar-raħal t'Għajnsielem kellhom lejn il-Mons. Wara l-quddiesa tal-funeral, saret tislima permezz tal-ħruq ta' salut u l-poplu Għajnselmiż dawwal it-triq lejn iċ-ċimiterju b'numru kbir ta' xemgħat.

Ftit huma l-kliem li tista' tgħid meta tħares lura lejn sitta u erbgħin sena ta' ħidma kontinwa. Bi gratitudni u sens kbir t'apprezzament insellmu lill-Arċipriet Emeritu Monsinjur Ġużeppi Zerafa! Grazzi Mons. ta' dak kollu li għamilt magħna u mar-raħal t'Għajnsielem. Kompli ħares lir-raħal tiegħek, dak ir-raħal li int dejjem għożżejt!!

